# Il-Vara Titulari Tinġieb Lura ż-Żejtun

## *wara r-Restawr ta' l-1929*

Kitba ta' Carmel P. Baldacchino

Is-sena 1929 kienet attiva ħafna fil-parroċċa tagħna, billi l-prokuraturi kellhom ħafna xogħol xi jlestu għall-festa ta' dik is-sena. Fost dan ix-xogħol kien għadu kemm tlesta l-famuż tużell il-ġdid, imma billi x-xogħol tar-rakkmu fuq id-drapp sar barra minn Malta dan ħallihom sa l-aħħar minuti jistennew b'ħafna taqtigħ il-qalb, tant hu hekk li dan id-drapp wasal fil-jiem tat-Tridu tal-festa u ġie armat fl-aħħar jum tat-Tridu.

### Restawr tal-Vara Titulari

Minn żmien qabel kienet tinħass il-ħtieġa wkoll tiġi rrestawrata u indurata mill-ġdid il-vara ta' Santa Katerina. Dan il-biċċa xogħol diffiċli tħalliet f'idejn il-pittur magħruf Żejtuni Mro. Giuseppe Maria Caruana, li l-ewwel biċċa xogħol li kellu kienet li jirranġa l-istatwa fejn neħħielha parti sewwa mill-mantell li kellha, billi kien goff ħafna. Anke rranġa ras l-istatwa, fejn fost affarjiet oħra neħħielha t-toppu li kellha. Wara dan ix-xogħol l-istatwa ttieħdet għand l-induratur Coleiro fi Triq San Kristoforu l-Belt Valletta.

Meta tlesta x-xogħol ta' l-induratura fuq din l-istatwa Patruna taż-Żwieten, marru biex iġibuha lura. Għabbewha fuq karettun miġbud minn bagħal u rħewlha lejn iż-Żejtun. Fi triqithom lejn ir-raħal riedu jgħaddu bil-fors mill-Marsa, fejn bħas-soltu kien hemm numru ta' Żwieten mhux ħażin, jaqilgħu l-għejxien tagħhom minn hemm billi, iħottu jew jgħabbu xi vapur bil-faħam. Ta' mn jgħid li dawn il-ħaddiema kienu jaqtgħu xi ħaġa kull meta jitħallsu, għall-festa tal-Patruna tagħna Santa Katerina u anke kien hemm oħrajn li kienu jħallu xi ħaġa għall-festa l-oħra tal-Madonna tad-Dutrina. B'hekk iż-żewġ festi kienu jiddependu ħafna mill-ġbir tal-ħaddiema tal-faħam.

### Għaż-Żejtun bil-Mixi

Meta l-istatwa waslet il-Marsa, xi ħaddiema Żwieten indunaw biha u telqu x-xogħol li kienu qegħdin jagħmlu u marru jagħtu merħba lill-Patruna tagħhom. Malajr indunaw il-kumplament taż-Żwieten l-oħra li għamlu l-istess. Tant infexxew f'dillierju ta' ferħ li kien hemm anke minn qabad jibki. Hawn ftiehmu li jniżżlu l-istatwa tal-Patruna tagħhom minn fuq il-karettun u jeħduha lejn iż-Żejtun fuq l-ispallejn bil-ħwejjeġ tax-xogħol u wiċċhom iswed bil-faħam. Hekk kif il-folla ta' madwar l-istatwa ħarġet barra minn Ħal Tarxien dawk li kienu fuq il-kamnar tal-knisja tal-parroċċa indunaw bihom u bdew jagħtu merħba bid-daqq tal-qniepen tal-parroċċa u fl-istess ħin ġew sparati xi murtali bħala salut.

### Tasal iż-Żejtun

It-toroq taż-Żejtun malajr imtlew bin-nies u naħseb li ma kienx hemm Żejtuni li felaħ jimxi li ma marx biex jara kif ġiet il-Patruna tiegħu. Ta' min isemmi wkoll li għal din l-okkażjoni ħadet sehem il-Banda Beland li bdiet tkompli tferraħ lin-nies bil-marċi brijużi tagħha fost iċ-ċapċip tal-poplu tar-raħal, flimkien mal-kusketterija tul it-toroq li għaddiet minnhom. (Ta' min isemmi li dak iż-żmien il-Banda Żejtun kienet għadha ma ġietx iffurmata, imma kienet għadha *Jazz Band* biss.)

### Dawra maż-Żejtun

Il-banda flimkien mal-kleru u l-poplu Żejtuni dawru l-istatwa mar-Raħal ta' Fuq kollu speċjalment it-toroq li s-soltu kienet tgħaddi l-purċissjoni minnhom u meta dawwruha biċċa sewwa l-arċipriet deherlu li kien sar il-ħin biex l-istatwa tiddaħħal fil-parroċċa. Meta daħħluha poġġewha fuq il-bradella biex ikunu jistgħu jammirawha aħjar. Kulħadd kellu tifħir x'jagħti, kemm li l-pittur u restawratur is-Surmast Gius M. Caruana għall-biċċa xogħol tiegħu fir-restawrar, kif ukoll lill-induratur Coleiro għall-biċċa xogħol sabiħa li għamel.

### Ħadu Għalihom

Bħalma jiġri dejjem xi ħadd ma joħroġx kuntent. In-nies tar-Raħal ta' Isfel ħadu għalihom ħafna u bir-raġun, għax deherilhom li Santa Katerina mhix tar-Raħal ta' Fuq biss, imma taż-Żwieten kollha. Meta sema dawn l-ilmenti, il-maħbub Arċipriet Degabriele flimkien mal-prokuraturi, malajr indunaw li se jkollhom l-inkwiet speċjalment mal-partitarji tal-festa tal-Madonna tad-Durtina, li fir-Raħal ta' Isfel kienu numerużi mhux ħażin. Għalhekk l-arċipriet ta l-permess tiegħu biex il-Ħadd ta' wara terġa' toħroġ l-istatwa u tiġi mdawra mat-toroq tar-Raħal ta' Isfel. Hawn il-poplu tar-raħal kollu ħareġ kuntent jara l-istatwa tal-Patruna tiegħu ddur mar-raħal kollu.



*L-istatwa ta Santa Katerina wara li ġiet indurata, inġiebet mill-Belt sal-Marsa fuq il-karettun u mill-Marsa saż-Żejtun fuq l-ispallejn mill-ħaddiema tal-faħam Żwieten. Ix-xogħol ta' l-induratura sar mill-induratur Coleiro tal-Belt u r-restawr ta' l-istatwa sar mill-pittur Żejtuni Ġużepp Maria Caruana. Dan ir-ritratt ittieħed f'Misraħ il-Bjar, ir-Raħal ta' Isfel.*